Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Ġunju 2024**
**(OR. en)**

**10984/24**

**JAI 993**
**COPEN 312**
**DROIPEN 176**
**CATS 58**
**FREMP 298**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 10000/24 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-futur tal-liġi kriminali tal-UE: rakkomandazzjonijiet għat-triq 'il quddiem" |

Fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-futur tal-liġi kriminali tal-UE: rakkomandazzjonijiet għat-triq 'il quddiem". It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness.

**ANNESS**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**"Il-futur tal-liġi kriminali tal-UE: rakkomandazzjonijiet għat-triq 'il quddiem"**

## Introduzzjoni

a) L-iżvilupp tal-liġi kriminali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji li jirregolawha ġew diskussi għal diversi deċennji, kemm fl-istituzzjonijiet kif ukoll bejn l-esperti akkademiċi[1]. Id-diskussjonijiet kisbu momentum matul it-tħejjija għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, li introduċa bażijiet legali ġodda għal-liġi kriminali tal-UE. Fis-27 ta' Novembru 2009 ġew approvati konklużjonijiet tal-Kunsill iddedikati dwar dispożizzjonijiet mudell li jiggwidaw id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-liġi kriminali[2], segwiti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni[3] "Lejn politika kriminali tal-UE: l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz tal-liġi kriminali" fl-2011. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali ġiet adottata fl-2012[4].

b) Minn dak iż-żmien ġew adottati għadd kbir ta' strumenti tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja kriminali fuq il-bażijiet legali tal-Artikoli 82 u 83 TFUE introdotti mit-Trattat ta' Liżbona. Dawn l-istrumenti pereżempju indirizzaw reati partikolarment serji b'dimensjoni transfruntiera (l-Artikolu 83(1) TFUE), introduċew miżuri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE (l-Artikolu 83(2) TFUE) u ħolqu l-liġi proċedurali kriminali (l-Artikolu 82 TFUE). Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Eurojust ġie adottat abbażi tal-Artikolu 85 TFUE u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew rivoluzzjonarju ġie stabbilit abbażi tal-Artikolu 86 TFUE.

---

1 Ara, pereżempju, il-Manifest dwar il-Politika Kriminali tal-UE tal-2009 (www.crimpol.eu) u l-Manifest dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Proċedura Kriminali tal-2013 (www.zis-online.com).

2 ST 16542/2/09.

3 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52011DC0573

4 ĠU C 264 E, 13.09.2013, p. 7.

c) Matul dan iż-żmien, il-Kunsill u l-Parlament, bħala koleġiżlaturi, u l-Kummissjoni stinkaw biex jiżguraw l-ogħla kwalità possibbli tal-leġiżlazzjoni kriminali. F'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin dehru partikolarment importanti fir-rigward tal-liġi kriminali sostantiva:

- li l-leġiżlatur tal-UE għandu jiżgura li l-prinċipji maqbula b'mod komuni tal-liġi kriminali, bħall-prinċipju ta' legalità u l-prinċipju li l-liġi kriminali għandha tintuża biss bħala l-aħħar għażla (*ultima ratio*), u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali, jiġu rrispettati bis-sħiħ,
- li l-konsistenza interna tal-acquis tal-liġi kriminali tal-UE tkun salvagwardjata,
- li l-istrumenti tal-liġi kriminali tal-UE jirrispettaw is-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri u jagħtuhom il-flessibbiltà meħtieġa biex jimplimentawhom b'mod li ma jfixkilx is-sistema u l-konsistenza tal-liġijiet kriminali nazzjonali.

Fir-rigward tal-liġi proċedurali kriminali, l-interessi trażversali ewlenin kienu li jiġi żgurat li l-istrumenti tal-UE jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, filwaqt li jirrispettaw is-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri, u li jkunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali, inkluż il-konvenzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa.

d) Madankollu, sar evidenti li l-għadd kbir ta' proposti inkluż elementi tal-liġi kriminali, f'diversi oqsma ta' politika, jagħmilha diffiċli għall-koleġiżlaturi biex jiżguraw li dawn l-aspetti kollha jitqiesu b'mod sistematiku u sħiħ.

e) F'din it-tranżizzjoni bejn żewġ ċikli leġiżlattivi, jidher li huwa f'waqtu li l-futur tal-liġi kriminali tal-UE jiġi indirizzat b'mod trażversali, sabiex il-kwalità tal-leġiżlazzjoni kriminali tkun tista' tissaħħaħ.

**<u>Konklużjonijiet tal-Kunsill</u>**

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. L-Unjoni Ewropea għandha l-obbligu li tiżgura li l-azzjonijiet tagħha fil-qasam tal-liġi kriminali jirrispettaw il-prinċipji speċifiċi li jirregolaw dan il-qasam, bħall-prinċipju ta' legalità u l-prinċipju ta' *ultima ratio*, kif ukoll il-prinċipji ġenerali tal-għoti ta' kompetenza, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stipulati fl-Artikolu 4 TFUE u fl-Artikoli 4 u 5 TUE.

2. B'mod partikolari, l-istrumenti u d-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali għandhom jiġu adottati biss meta jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv wara dawk l-istrumenti u d-dispożizzjonijiet, meta dak l-objettiv ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' mezzi oħra u meta jkun hemm bażi legali ċara għalihom.

3. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[5], il-ħtieġa u l-adegwatezza ta' kwalunkwe strument jew dispożizzjoni tal-liġi kriminali jeħtieġ li jkunu bbażati fuq evidenza b'saħħitha. Bħala regola ġenerali, dan jeħtieġ valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa.

4. L-istrumenti u d-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-UE, u b'mod partikolari [...] d-dispożizzjonijiet ewlenin dwar il-pieni, ir-responsabbiltà kriminali, il-ġuriżdizzjoni u l-perjodi ta' limitazzjoni, iridu jkunu ċari u konsistenti.

5. L-istrumenti u d-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-UE jeħtieġ li jirrispettaw is-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri u jitfasslu b'mod li jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jimplimentawhom fis-sistema eżistenti tal-liġijiet kriminali nazzjonali, b'mod partikolari mingħajr ma tiġi mminata l-konsistenza tal-parti ġenerali tagħhom.

---

5 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

**Azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kunsill**

6. Il-Kunsill, filwaqt li jieħu bħala punt tat-tluq il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 msemmija hawn fuq dwar dispożizzjonijiet mudell, ser jibda ħidma biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet mudell modernizzati għal-liġi kriminali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' regoli minimi dwar pieni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, ċirkostanzi aggravanti u mitiganti, inċitament, għajnuna u kompliċità u attentat, ġuriżdizzjoni, perjodi ta' limitazzjoni, id-disponibbiltà fil-livell nazzjonali ta' għodod investigattivi effettivi u proporzjonati, u data statistika. Dawn id-dispożizzjonijiet mudell għandhom jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni Ewropea futura, sal-punt li jitqies meħtieġ li kull suġġett individwali kopert minnhom jiġi indirizzat fi strument leġiżlattiv speċifiku, filwaqt li jitqiesu s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti.

7. Il-Kunsill jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE involuti fil-proċedura leġiżlattiva biex jilħqu fehim komuni dwar dispożizzjonijiet mudell, li jibni fuq il-prinċipji ewlenin tal-liġi kriminali tal-UE.

8. Ladarba jkun intlaħaq qbil dwarhom, il-Kunsill ser jippromwovi l-użu tad-dispożizzjonijiet mudell matul il-ħidma leġiżlattiva, ħlief fejn ikun hemm raġunijiet b'saħħithom u ġustifikati biex wieħed jiddevja minnhom.

9. B'mod parallel mal-ħidma dwar l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet mudell modernizzati dwar il-liġi kriminali sostantiva, il-Kunsill ser ikompli r-riflessjonijiet tiegħu dwar il-futur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

**Istituzzjonali**

1. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-azzjonijiet tagħha u ssaħħaħhom:

   – li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta b'element tal-liġi kriminali tkun ibbażata fuq evidenza li tali leġiżlazzjoni hija meħtieġa u proporzjonata biex jintlaħqu l-objettivi u li tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva (*ultima ratio*),

   – jitfasslu valutazzjonijiet tal-impatt imħejjija u dettaljati bir-reqqa, inkluż dwar l-impatt ta' kwalunkwe proposta fuq id-drittijiet fundamentali, li jsiru disponibbli qabel il-bidu tal-eżami tal-proposta fil-Kunsill.

2. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament biex jieħdu kont tal-ħtieġa tal-Istati Membri li jiżguraw konsistenza u jżommu l-prinċipji bażiċi tal-ordnijiet legali nazzjonali tagħhom bil-ħsieb ta' negozjati leġiżlattivi futuri.

3. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament biex jinvolvu ruħhom f'riflessjoni konġunta strutturata u komprensiva dwar l-aspetti kollha tal-futur tal-liġi kriminali tal-UE, inkluż dwar it-tisħiħ tal-konsistenza interna tal-liġi kriminali tal-UE, u l-konsistenza tagħha ma' strumenti relatati mill-qrib, u l-possibbiltà li jkun hemm dispożizzjonijiet mudell komuni.

4. Ir-riflessjoni konġunta strutturata msemmija fil-punt preċedenti tista', fejn xieraq, tinvolvi wkoll l-akkademja, il-prattikanti u esperti esterni oħra.